KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 36 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.40pm | 10.15pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Skużata | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 7.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier James Cassar | 7.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier David Meilak | 8.30pm | 10.15pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.45pm | 10.15pm |

l-Ambaxxatur għaż-żgħażagħ is-Sur Steve Bartolo kien preżenti għal-laqgha.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 35 - 30 ta' April 2014**

Il-minuti tal-laqgħa Nru 35 li saret fit-30 ta' April, 2014 intbagħtu qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saret korrezzjoni waħda fl-attendenza : Is-Sur Alex Muscat kien informa b'email li ma kienx jista jattendi minħabba impenji tax-xogħol .

**2.00 Punti Imqajma mill-Minuti**

**2.01** Dwar **item 2.04** is-Sindku infurmat li ma kien hemm ebda risposta mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar *items* pendenti fuq is-sit tal-Batterija tat-Targa għajr nota li d-Direttur għadda l-imejl tal-Kunsill lil min hu ikarigat mill-arloggi tad-dawl u ilma. Gie deciz li tintbghat *reminder* ohra lid-dipartiment.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**2.02** Dwar **item 4.01 – Talba min GreenPak ghal-Bye-Law -** is-Sindku qalet li l-avukat tal-Kunsill Dott. Joe Mifsud kien tal-parir li l-leġislazjoni nazzjonali kienet diga tipprovdi rimedju għal dak li kien qed jitolbu l-GreenPak barra min hekk il-multi li qed jipproponu GreenPak kienu esaġerati u jmorru oltre min dak li timponi l-ligi tal-Gvern Ċentrali. l-Avukat iżda ħalla f'idejn il-Kunsill jekk għandux jiddeċiedi jridx jagħmel Bye-Law.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jinforma lil-GreenPak li ma kienx jaqbel li ssir Bye-Law meta kienet diġa teżisti ligi f'dan ir-rigward.

**2.03** Dwar **item 8.00(a) – Kuntratt ta' Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq –** Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph De Martino qajjem il-punt li r-Reġjun tat-Tramuntana kienu ser joħorġu tender għal-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq tar-reġjun u ieħor għal Contract Manager fuq l-istess tender u għalhekk staqsa jekk il-Kunsill kien ser jkollu tender separat min dak tar-reġjuni kienx ser jigri li l-Kunsill jkollu jaqsam fl-ispejjes tal-contract manager wkoll mingħajr ma jagħmel użu minnu.

Għalhekk il-Kunsill talab lil-Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jiċċara din il-kwistjoni mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Regjun qabel jiġi ffirmat it-tender ma' MicaMed Ltd.

**2.04** Dwar **item 9.00(2)- Sports Weekend –** Il-Kunsillier is-Sur James Cassar qal li l-attivitajiet li saru il-Ġimgħa fl-iskola kienu suċċess filwaqt li l-KMS kienu ikkanċellaw dak li kellu jsir is-Sibt. Il-Mosta Cycling Club kienu daħlu minflok il-KMS sabiex organizzaw attivita bir-roti fost t-tfal fil-pjazza. Is-Sur Cassar qal li l-attivitajiet li kellhom isiru il-Ħadd kienu tħassru minħabba temp ħażin. Għalhekk il-Kunsill qabel li jirrifondi l-flus tal-isponsor tas-Sinjura Michele Wilson ta' Michele's Exercise Centre.

Ġie deċiż ukoll li għal-okkażjoni ta' Jum il-Mosta f'Settembru l-Kunsill jerġa jorganizza ġurnata ta' *Sports* kif kien sar fis-sena 2012. Is-Sur Alex Muscat jallkar li huwa kien issuġġeriżża li dan isir.

**3.00** F'dan il-ħin is-Sindku talbet u gie approvat unanimament li ssir sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-laqgħa tgħaddi għal-item 5.00 tal-Agenda – *Ta'Bistra Presentation -* u għalhekk s-Sinjura Suzannah Depasquale flimkien mal-Perit Mariello Spiteri intalbu jagħmlu l-preżentazjoni bl-għajnuna ta' Power Point.

Is-Sinjuri Depasquale u Spiteri taw dettalji tal-progett (area B) li kien jinvolvi r-Roman Baths flimkien mal-Katakombi ta' Bistra. Dan kien progett separat min dawk li saru sa issa fir-restawr tar-razzett ta' Bistra (area A) li gie ikkonvertit *f' tourist reception centre* taħt il-programmi CultExchange u Archeotour, it-tnejn iffinanzjati b'fondi ewropej. Ġie spjegat li Area A u Area B għandhom jibqaw separati min xulxin permezz ta' ħajt li jinbarra l-aċċess min wieħed għal-ieħor għal-perijodu ta' 5 snin skont regolamenti tal-Unjoni Ewropea.

Dan il-Proġett ta' Area B kien jikkonsisti fir-restawr tal-katakombi u ħolqien ta' Visitors' Centre ġdid li jipprovdi għal-ċentru u passaġġi elevati skont il-livelli tal-katakombi. Il-kostruzzjoni ta' dawn iċ-ċentru u passaggi jkollhom soqfa u għeluq li jaħseb għal protezzjoni tad-diversi oqbra kif ukoll għal-viżitaturi.

It-tender ta' madwar Euro 578,000 kien lest biex jiġi ppublikat. Sa dan it-tant kienu qed isiru diversi studji min esperti sabiex jaraw x'interventi għandhom isiru sabiex jiġi salvat dan il-wirt storiku.

## 4.00 Materji Finanzjarji

a) **Lista ta' Pagamenti -** Ġiet approvata unanimament lista annessa ta' pagamenti (Skeda Nru. 25) li tammonta għas-somma ta' Euro 218,317-58 kif ippreżentata.

b) **Lista ta' Works Orders -** Ġiet approvata unanimament lista ta' Work Orders għax-xhur ta' April u Mejju 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

c) **Lista ta Purchase Orders -** Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders għax-xahar ta' April u Mejju 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

d) **Lista ta Depożiti-** Ġiet approvata unanimament lista ta' Depoziti fil-bank għax-xahar ta' April 2014 li tammonta għas-somma ta' €279,800.70.

## 5.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista ta' 9 items ta' korrispondenza. Id-Deċiżjonijiet li ttieħdu dwar din il-korrispondenza jinstabu fil-lista annessa ma dawn il-minuti.

## 6.00 Riżultati re Bord tal-Intervisti – Vakanza Klerikali

Is-Sindku rrapurtat li kienu saru l-*interviews* tal-applikanti li ġew *short-listed.* L-Intervisti saru mis-Sindku, u l-Kunsilliera James Cassar u Mario Sammut. Hija qalet li mill-punti mgħotija jirriżulta li s-Sinjorina Lucy Pace Gouder kienet l-aħjar xelta għal-dan l-impjieg ta' skrivana klerikali mal-Kunsill. Is-Segretarju ġie mitlub jagħmel l-arranġamenti sabiex din tibda x-xogħol tagħha mal-Kunsill bħala customer care clerk wara li jiġu vverifikati ċ-ċertifikati etc. ta. Ms. Pace Gouder.

## 7.0 Proposta għall-re allokazzjoni ta swieq fil-beraħ.

Saret proposta li tiġi kkonsidrata proposta li l-posti tal-monti ta' nhar ta' Tnejn fil-Mosta li jinstabu fi triq Nicolo Isouard jiġu trasferiti għal-Triq Patri Avertan Fenech b'mod li jitneħħa l-inkonvenjent għar-residenti ta' Triq Nicolo Isuard u fl-istess ħin ma jibqax jiġi ostakolat t-traffiku fi Triq il-Kostituzzjoni. L-idea hi li l-monti (Suq fil-Berah) jibda min Pjazza 16 ta' Settembru u jibqa jdur għal-Triq Patri Avertan Fenech sa ħdejn Ġnien Reggie Cilia. Triq il-Wied u Wesgħat Montebello tibqa wkoll tintuża mis-Suq fil-Beraħ kif isir illum.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie nkarigat jitlob lil-Perit tal-Kunsill jara jekk hemmx spazju biżżejjed fi Triq Avertan Fenech li jippermetti li jsir dan it-tibdil. Jekk dan hu l-każ għandhom jibdew id-diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-bejjiegħa tal-monti u l-awtoritajiet ikkonċernati.

**8.0 Affarijiet Oħra**

8.01 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Steve Bartolo tkellem dwar il-laqgħat li kienu qed isiru kull ħmistax fis-sala tal-Kunsill. Huwa qal li kienu qed jaħdmu fuq proġett sabiex jiġi ppreżentat lil-President ta' Malta. Jekk l-applikazjoni għal-dan il-progett tintlaqgħa mill-President ta' Malta jiġu assenjati 3,000 euro sabiex jkun jista jitwettaq dan il-proġett. Huwa qal li dettalji dwar dan il-progett għandhom jiġu ippreżentati lil-Kunsill aktar tard.

8.02 Il-Kunsillier Alexander Muscat qal li Mosta Football Nursery Club flimkien mal-Mosta Youth Empowerment Centre xtaqu jorganizzaw parti fis-Sala Pubblika tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni għal dan sakemm dan ma jkunx Disco Parti storbjuż minħabba li fil-passat l-Pulizija kienu sabu oġġezzjoni li jiġu organizzati discos f'din is-sala li tiġi eżattament fuq l-uffiċini tagħhom.

**9.00 Aġġornament**

Il-Laqgħa spiccat fil-10.15pm.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv